

Sfidi li jiffaċċjaw Persuni Transgender

Kwalunkwe diskirimazzjoni fuq kwalunkwe bażi bħal sess... jew orjentazzjoni sesswali għandha tkun ipprojbita.
Karta tal UE dwar id Drittijiet Fundamentali (Artikolu 21)

Is sess li ningħataw uffiċjalment fit twelid (raġel jew mara) huwa bbażat fuq il-fatturi fiżiċi tagħna. Madankollu, dan jista' ma jaqbilx mal identità sesswali tagħna – jiġifieri, il mod kif inħossuna u naħsbu fuq is-sess tagħna. Persuna transgender hija xi ħadd li għandu u/jew jesprimi identità sesswali b'mod differenti mill-identità sesswali li ngħata fi twelidu.

Persuna transgender tista' tagħżejjel li tesprimi l-identità sesswali tagħha b'mod differenti. Biex tagħmel il-bidliet fiżiċi iktar permanenti, jistgħu jintużaw operazzjonijiet u trattament tal-ormoni. Dan jista' jieħu ġafna snin, u mhux dejjem jinvolvi riassennjar komplet tas-sess ('sex change'). L-identità sesswali tista' tkun imfissra wkoll permezz tal-ilbies u l-kosmetika (magħrufa bħala 'cross-dressing' jew 'transvestiżmu').

Ta' min jinnota li persuni transgender jiffaċċjaw transfobija u diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-identità sesswali tagħhom u mhux neċċesarjament minħabba l-orientazzjoni sesswali tagħhom. Persuni transgender jistgħu jkunu eterosessuali, omosessuali jew bisessuali.

Protezzjoni minn diskriminazzjoni

Persuni transgender isofru minn diskriminazzjoni, ġafna drabi fuq skala ikbar mill-omosessuali u l-bisessuali, b'mod partikolari fil-qasam tal-impieggi. Persuni transgender li jitkellmu b'mod miftuħ dwar l-identità sesswali tagħhom fuq il-post tax-xogħol, huma iktar probabbli li jiffaċċjaw fastidju minn kollegi tax-xogħol u jista' jkollhom jibdlu xogħolhom.

Il-liġi ta' kontra d-diskriminazzjoni tal-UE tipprobixxi diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' sess fuq il-post tax-xogħol. Il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja sabet li persuni transgender, li sofrej diskriminazzjoni, jistgħu jkunu protetti mill-projbizzjoni minħabba diskriminazzjoni sesswali, jekk qed ikollhom jew kellhom riassennjar sesswali komplet. Madankollu, tibqa' mhux ċara jekk persuni transgender (li ma kellhomx jew li mhumiex fil-proċess ta' operazzjoni) humiex protetti jew le.

Medlemsstaterne strategier er-forskellige:

Fi 12 il-Stat Membru tal-UE: (il-Belġju, id-Danimarka, Franzja, I Irlanda, I Italia, il-Latvja, l-Olanda, l-Awstrija, il-Polonja, is-Slovakja, il-Finlandja u r-Renju Unit) dan huwa ttrattat bħala forma ta' diskriminazzjoni sesswali. Madankollu, ġeneralment, persuni transgender bħala kategorija mhumiex espressament protetti. Minflok hija l-prattika tal-qrat nazzjonali li tinkludihom taħt diskriminazzjoni sesswali.

Fi 11 il-Stat Membru tal-UE: (il-Bulgarija, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, I Estonja, il-Greċja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja) id-diskriminazzjoni transgender la hija meqjusa bħala dikriminazzjoni sesswali u lanqas bħala diskriminazzjoni fuq orjentazzjoni sesswali. Mhuwiex ċar jekk, wara kollox, persuni transgender humiex protetti minn diskriminazzjoni.

F'2 Stati Membri (Ġermanja, Spanja), hija ttrattata bħal diskriminazzjoni fuq orjentazzjoni sesswali.

F'2 Stati Membri teżisti bażi speċifika ta' diskriminazzjoni. Fl-Ungjerja din hija 'identità sesswali,' fl-Iżvejza din hija 'identità jew espressjoni transgender'.

Id-dritt li persuna tibdel is-sess tagħha u r-rikonoxximent legali

It-tieni kwistjoni li taffettwa lit-transsesswali (dawk li jgħaddu minn riassenjar tas-sess) għandha x'taqsam mal-bidla tas-sess tagħhom u li jkollhom dan rikonoxxut uffiċċjalment. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem stabbilixxiet li l-awtoritajiet:

- għandhom jippermettu lill-individwu sabiex jagħmel kirurġija ta' riassenjar, u
- għandhom jirrikonox Xu legalment is-sess mibdul u d-dritt li din il-persuna tiżżeewweġ lil xi ħadd tas-sess oppost.

Madankollu, għad hemm problemi:

- Ħafna mill-Istati Membri jimponu kundizzjonijiet stretti fuq il-kirurġija, li jistgħu jinkludu konsulenza u awtorizzazzjoni minn qabel. Fir-Repubblika Ċeka, per eżempju, l-operazzjonijiet jeħtieġu l-approvazzjoni ta' kummissjoni ta' ħames persuni, inkluż ta' żewġ toħha u avukat.
- Erba' Stati Membri (l-Irlanda, il-Lussemburgo, il-Latvja u Malta) għadhom ma jirrikonoxx is-sess mibdul jew id-dritt taż-żwieġ.
- Disa' Stati Membri jimponu kundizzjonijiet stretti fuq xi ħadd li jixtieq jibdel ismu, bħall-ħtieġa ta' evidenza medika.
- Aktar minn 80% tal-persuni transgender mistħarrja minn madwar l-UE ġew rifutati finanzi mill-Istat għal kirurġija u/jew trattament tal-ormoni u aktar minn nofs irrapportaw li ffinanzjaw it-trattament tagħhom stess.
- Ħafna professjonisti tas-saħħha, jew ma jixtiequx joffru trattament bħal dan jew ma għandhomx l-għarfiex relevanti sabiex jagħmlu dan.

DRITT GħAL PROTEZZJONI UGWALI

Il-liġi ta' kontra d-diskriminazzjoni tal-UE għandha tipprobixxi d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-identità sesswali. Dan għandu jipproteġi lil dawk kollha li jesprimu identità sesswali differenti għal dik assenjata fit-tweldi bħal cross-dressers u trasvestiti u mhux biss dawk li kellhom jew li qeqħdin jagħmlu kirurġija.

Dan il-flyer huwa bbażat fuq żewġ rapporti *L-Omofobia u d-Diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' Orientazzjoni Sessuali u l-Identità Sessuali fl-Istati Membri tal-UE- Parti 1 Analiżi Legali* ippubblikat mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) f'Ġunju 2008 u *Diskriminazzjoni Omofobia għal raġunijiet ta' Orientazzjoni Sessuali u tal-Identità Sessuali fl-Istati Membri tal-UE- Parti 2 Is-Sitwazzjoni Soċċjali* ppubblikat f'Marzu 2009.

Ir-rapport shiħi huwa disponibbli fi: <http://fra.europa.eu>
Il-pubblikkazzjonijiet kollha tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali jistgħu jiġu ordnati bla ħlas mis-sit elettroniku tagħha.

Fil-każ ta' kwistjonijiet rigward din it-traduzzjoni jekk jogħġibok ikkonsulta l-verżjoni bl-Ingliż, li hija l-verżjoni oriġinali u uffiċċiali tad-dokument.